Studju ta’ każ 4 – liġi kummerċjali – kuntratt - Il-Polonja

# Spejjeż fil-Polonja

Il-Każ Nru 4 (f’4 B- il-pajjiż meta l-bejjiegħ ifittex lix-xerrej huwa l-Polonja – f’dan il-każ, it-tariffi,l-ispejjeż u l-kondizzjonijiet huma l-istess bħal fil-każ A. Għaldaqstant, m’hemmx bżonn li timtela t-tabella).

## Spejjeż għall-Qorti, Appelli u Riżoluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim

| Studju ta’ każ | Qorti | | | Appelli | Riżoluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim) | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Drittijiet inizjali tal-Qorti | Drittijiet ta’ traskrizzjoni | Drittijiet oħra | Drittijiet inizjali tal-Qorti | Din l-għażla hija miftuħa għal dan it-tip ta’ każ? | Spejjeż |
| Każ A | Jiddependi fuq il-valur tal-oġġett tal-kawża. Skont l-Att dwar l-Ispejjeż fil-Kawżi Ċivili – it-tariffa hija ta’ 5% tal-valur, iżda mhux inqas minn 30 u mhux aktar minn 100,000 PLN. | Għal kull paġna, kopji ta’ sentenzi bl-infurzar, kopji ta’ sentenzi bis-saħħa legali – 6 PLN. Jekk dawk id-dokumenti huma b’lingwa barranija jew fihom it-tabelli –12 PLN għal kull paġna. | -- | Jiddependi fuq il-valur tal-oġġett tal-kawża. Skont l-Att dwar l-ispejjeż fil-kawżi ċivili – it-tariffa hija ta’ 5% tal-valur, iżda mhux inqas minn 30 u mhux aktar minn 100,000 PLN. Iżda l-valur tal-oġġett tal-kawża jinbidel matul il-proċedura, it-tariffa dejjem tiġi kkalkulata bl-istsess mod – il-perċentwal jibqa’ l-istess iżda s-somma finali tinbidel, għaliex tintuża bażi oħra għall-kalkolu. | Il-partijiet huma ħielsa li jagħżlu l-ADR | Jekk il-qorti taċċetta l-klawżola dwar l-enforzabbiltà, 50 PLN |

## Spejjeż tal-avukat, tal-marixxall u tal-espert

| Studju ta’ każ | Avukat | | Marixxall | | | Espert | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Ir-rappreżentazzjoni hija mandatorja? | Spejjeż medji | Ir-rappreżentazzjoni hija mandatorja? | Spejjeż ta’ qabel is-sentenza | Spejjeż ta’ wara s-sentenza | L-użu huwa mandatorju? | Spiża |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Każ A | Le | Jiddependi fuq il-valur tal-oġġett tal-kawża. Jekk il-valur huwa ta’ madwar 90 000 PLN, id-drittijiet ma jkunux inqas minn 3.600 PLN | Le | -- | -- | Le | Jekk il-qorti taċċetta l-klawżola dwar l-enforzabbiltà, 50 PLN |

## Spejjeż għall-kumpens tax-xhieda, pleġġ jew garanzija u drittijiet oħrajn rilevanti

| Studju ta’ każ | Il-kumpens tax-xhieda | | Pleġġ jew garanzija | | Drittijiet oħra | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Ix-xhieda jiġu kkumpensati? | Spiża | Dan jeżisti u meta jeżisti kif jintuża? | Spiża | Deskrizzjoni | Spiża |
| Każ A | Iva | L-ispejjeż tat-trasport, dħul mitluf, akkomodazzjoni, Skont l-Artikoli 85 sa 88 tal-Att dwar l-Ispejjeż Ġudizzjarji fil-Kawżi Ċivili | Iva. Jitqies il-valur tal-oġġett tal-kawża. | Jiddependi fuq il-valur tal-oġġett tal-kawża | -- | -- |

## Spejjeż għall-għajnuna legali u rifużjonijiet oħra

| Studju ta’ każ | Għajnuna Legali | | | Rifużjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Meta u taħt liema kundizzjonijiet tgħodd? | L-appoġġ meta huwa sħiħ? | Kundizzjonijiet? | Tista' l-parti rebbieħa tikseb ir-rifużjoni tal-ispejjeż tal-kawża? | Jekk ir-rifużjoni mhix totali x'perċentwali tkun inġenerali? | Liema spejjeż qatt ma jiġu rifużi? | Hemm xi drabi fejn l-għajnuna legali għandha tiġi rifuża lil xi organizzazzjoni li tagħti għajnuna legali? |
| Każ A | Parti eżentata mill-ispejjeż legali tista’ tapplika għall-għajnuna legali. Il-qorti tiddeċiedi jekk hijiex meħtieġa l-parteċipazzjoni ta’ avukat professjonali | Skont id-deċiżjoni tal-qorti | Jekk l-ispejjeż huma eċċessivi u jikkawżaw diffikoltajiet finanzjarji lill-parti | Jgħoddu regoli ġenerali, skont iċ-ċirkostanzi | -- | Il-bilanċ ta’ spejjeż aktar minn dak li kien essenzjali u xieraq għall-każ | -- |

Spejjeż għat-traduzzjoni u l-interpretazzjoni

| Studju ta’ każ | Traduzzjoni | | Interpretazzjoni | | Spejjez oħra speċifiċi għal tilwim transkonfinali? | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Meta u taħt liema kundizzjonijiet huma neċessarji? | Spiża approssimattiva? | Meta u taħt liema kundizzjonijiet huma neċessarji? | Spiża approssimattiva? | Deskrizzjoni | Spiża approssimattiva? |
| Il-Każ A | Jekk id-dokumenti huma ppreżentati lill-qorti f’lingwa oħra | Skont ir-Regolament tat-24 ta’ Jannar 2005 tal-Ministeru tal-Ġustizzja | -- | -- | -- | -- |

L-aħħar aġġornament: 01/05/2010

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.